# L-EWWEL PILASTRU TAL-PAK: I — L-ORGANIZZAZZJONI KOMUNI TAS-SWIEQ (OKS) FI PRODOTTI AGRIKOLI

L-OKS hija l-qafas għall-miżuri tas-suq li huma provduti fi ħdan il-PAK. Wara serje ta' riformi, fl-2007 21 organizzazzjoni komuni tas-swieq ġew kodifikati f'OKS waħda li tkopri l-prodotti agrikoli kollha. B'mod parallel, riformi tal-PAK orjentaw gradwalment il-PAK aktar lejn is-swieq, filwaqt li naqqsu r-rwol ta' għodod ta' intervent; dawn illum jitqiesu bħala "miżuri ta' sikurezza" li għandhom jintużaw biss f'każ ta' kriżi.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 38 sa 44 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE), ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013.

## INTRODUZZJONI: MINN 21 OKS GĦAL OKS UNIKA

L-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq jikkostitwixxu element fundamentali tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) minn meta ġiet stabbilita, billi jipprovdu l-qafas għall-iskemi ta' sostenn għas-swieq stabbiliti fis-setturi agrikoli varji.

L-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq ġew stabbiliti bħala mezz biex jintlaħqu l-objettivi tal-PAK (l-Artikolu 40 tat-TFUE), u b'mod partikolari biex jiġu stabbilizzati s-swieq, jiġi żgurat livell ta' għajxien ġust għall-bdiewa u biex tiżdied il-produttività agrikola. L-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq ikopru l-prodotti elenkati fl-Anness I għat-TFUE u jinkludu firxa ta' mekkaniżmi li jirregolaw il-produzzjoni u l-kummerċ ta' dawn il-prodotti fl-UE. Dawn il-mekkaniżmi joffru garanziji li jvarjaw skont l-ispeċifiċitajiet tal-prodotti individwali. Il-miżuri tas-suq tal-OKS jaqgħu taħt l-ewwel pilastru tal-PAK.

Sad-dħul fis-seħħ tal-OKS unika fl-2007 (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007), kien hemm 21 OKS separata, kull waħda tkopri prodotti speċifiċi u kollha regolati permezz tar-regolamenti ta' bażi tagħhom stess. Oriġinarjament l-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq kienu jibbażaw ruħhom prinċipalment fuq prezzijiet garantiti; madankollu, dawn il-garanziji tnaqqsu gradwalment u ġew ikkumpensati, l-ewwel b'mod sħiħ u mbagħad parzjalment, permezz tal-allokazzjoni ta' pagamenti diretti. Wara r-riforma tal-2003 (ara l-iskeda 3.2.3), il-parti l-kbira tal-għajnuna diretta li kienet tagħmel parti mill-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq ġiet progressivament diżakkoppjata mill-produzzjoni (bl-istabbiliment tal-iskema ta' pagament uniku) u trasferita mir-Regolamenti dwar l-OKS, l-ewwel lejn

ir-Regolament Nru 1782/2003 u mbagħad, wara l-adozzjoni tal-"Kontroll tas-Saħħa", lejn ir-Regolament (KE) Nru 73/2009.

L-għodod ta' intervent, għalhekk, tbiddlu kunsiderevolment, permezz ta' din is-serje ta' riformi u issa huma meqjusa bħala "miżuri ta' sikurezza", jiġifieri, jintużaw biss f'każ ta' kriżijiet marbuta ma' tfixkil fis-suq. Għal dak li jikkonċerna s-sostenn permezz tal-prezzijiet, inżammu biss il-prezzijiet ta' intervent (il-prezzijiet garantiti li fil-qafas tagħhom organiżmu ta' intervent magħżul mill-Istati Membri jixtri l-kwantitajiet prodotti u jaħżinhom). L-iskala ta' intervent tnaqqset b'mod konsiderevoli (ara hawn taħt il-paragrafu dwar il-finanzjament tal-OKS mill-UE).

## L-OKS IL-ĠDIDA TA' WARA L-2013

Ir-regoli dwar l-OKS huma partikolarment kumplessi: hemm 232 artikolu fir Regolament dwar l-OKS bażiku, li magħhom jiżdiedu r-regoli li jirriżultaw minn atti delegati u ta' implimentazzjoni.

L-OKS tispeċifika l-prodotti agrikoli li tkopri. Hija fiha komponent intern li jkopri l-intervent fis-suq u regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, kif ukoll komponent estern li jkopri l-kummerċ ma' pajjiżi terzi (ċertifikazzjonijiet ta' importazzjoni u esportazzjoni, dazji ta' importazzjoni, amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji, rifużjonijiet tal-esportazzjoni, eċċ.). L-OKS tindirizza r-regoli dwar il-kompetizzjoni applikabbli għan-negozji u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Hija tipprevedi wkoll dispożizzjonijiet ġenerali dwar miżuri eċċezzjonali (inklużi miżuri biex jiġi evitat it-tfixkil fis-suq ikkawżat minn flutwazzjonijiet tal-prezz jew elementi oħra, miżuri ta' appoġġ għas-suq fil-każ ta' mard tal-annimali jew telf ta' fiduċja tal-konsumaturi minħabba l-eżistenza ta' riskji għas-saħħa pubblika, tal-annimali jew is-saħħa tal-pjanti, u miżuri relatati ma' prattiki komuni adottati matul perjodi ta' żbilanċ qawwi fis-swieq), u l-fond ta' riżerva ġdid biex jiġu indirizzati l-kriżijiet fis-settur agrikolu.

Dan il-fond ta' riżerva huwa strument ġdid maħsub biex jappoġġja s-settur f'każ ta' kriżijiet li jaffettwaw il-produzzjoni u/jew id-distribuzzjoni. Huwa jiġi kkostitwit kull sena billi jiġi applikat tnaqqis fil-pagamenti diretti fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja (ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013). Id-dixxiplina finanzjarja tapplika biss għall-pagamenti diretti li jaqbżu l-EUR 2 000. Kwalunkwe ammont mill-fond ta' riżerva li ma jintużax f'sena partikolari jingħata lura lill-bdiewa. Għall-perjodu 2014-2020, il-fond ta' riżerva huwa magħmul minn seba' partijiet indaqs annwali ta' EUR 400 miljun (jiġifieri ammont totali ta' EUR 2.8 biljun). Ir-riżerva f'każ ta' kriżi tista' tintuża biex tiffinanzja l-miżuri eċċezzjonali kontra t-tfixkil fis-suq.

Is-sistemi ta' intervent pubbliku u ta' għajnuna għall-ħżin privat ġew riveduti bil-għan li jiġu magħmula aktar reattivi u effettivi. Il-perjodu ta' intervent għall-butir u għall-ħalib xkumat tat-trab ġie mtawwal b'xahar; aġġudikazzjoni awtomatika hija prevista għall-ħalib u l-ħalib xkumat tat-trab 'il fuq minn ċerti limiti massimi; għall-butir, il-volum massimu għax-xiri bi prezz fiss żdied għal 50 000 tunnellata; u ċerti tipi ta' ġobon ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini (DPO) jew indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) huma eliġibbli għal għajnuna għall-ħżin privat.

Rigward il-miżuri ta' kontroll tal-provvista, l-iskema tal-kwoti taz-zokkor intemmet fit-30 ta' Settembru 2017, l-iskemi tad-drittijiet ta' tħawwil fis-settur tal-inbid skadew

taħt l-OKS il-ġdida fl-aħħar tal-2015. Skema ta' permessi għat-tħawwil ġdid issa ġiet introdotta għall-perjodu 2016-2030 (f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-inbid f'Diċembru 2012). Il-permessi għat-tħawwil tal-vinji jistgħu jiżdiedu b'1% fis-sena.

Il-kwoti tas-settur tal-ħalib, skadew, kif skedat. fil-31 ta' Marzu 2015. Id-dispożizzjonijiet "tal-minipakkett tal-ħalib" dwar ir-relazzjonijiet kuntrattwali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib (ir-Regolament (UE) Nru 261/2012) ġew inkorporati fir-regolament il-ġdid. Dawn huma maħsuba biex jagħtu spinta lill-poter ta' negozjar tal-produtturi tal-ħalib fil-katina tal-provvista. Huma jippermettu lill-Istati Membri jinsistu dwar kuntratti bil-miktub bejn il-bdiewa u l-proċessuri tal-ħalib. Jippermettu wkoll li l-bdiewa jinnegozjaw il-kuntratti kollettivament permezz ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi. Il-provvista ta' tipi ta' ġobon DPO/IĠP tista' wkoll tiġi regolata mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi. F'Novembru 2016 il-Kummissjoni ppubblikat it-tieni rapport dwar l-operazzjoni tal-pakkett tal-ħalib, u kkonkludiet li dan isaħħaħ il-pożizzjoni tal-produtturi tal-ħalib fil-katina ta' provvista.

Barra minn hekk, il-programmi favur il-konsum tal-frott u l-ħalib fl-iskejjel ġew estiżi u l-baġit annwali allokat għal dan il-programm favur il-konsum tal-frott fl-iskejjel żdied minn EUR 90 miljun għal EUR 150 miljun. Ir-Regolament (UE) 2016/791 tejjeb il-mod kif dawn il-programmi joperaw.

Id-dispożizzjonijiet relatati mal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, mal-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u mal-organizzazzjonijiet intersettorjali ġew estiżi għas-setturi kollha sabiex jissaħħaħ il-poter ta' negozjar tal-bdiewa. Il-finanzjament neċessarju se jiġi mill-baġit għall-iżvilupp rurali. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-setturi taż-żejt taż-żebbuġa, tal-uċuħ tar-raba' u ċ-ċanga u l-vitella jistgħu jieħdu sehem ukoll f'negozjati kollettivi f'isem il-membri tagħhom, taħt ċerti kundizzjonijiet. F'ċerti każijiet, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti, l-assoċjazzjonijiet tagħhom u organizzazzjonijiet intersettorjali rikonoxxuti jistgħu jiġu awtorizzati mill-Kummissjoni jieħdu miżuri temporanji biex jistabbilizzaw is-swieq (bħall-irtirar mis-suq jew ħżin minn operaturi privati).

Ir-regolament il-ġdid iżomm ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni lejn il-pajjiżi terzi, imma biss għal ċerti prodotti u meta l-kundizzjonijiet tas-suq intern jaqblu ma' dawk stabbiliti għall-miżuri eċċezzjonali.

L-allinjament tal-PAK mat-Trattat ta' Lisbona (partikolarment il-kwistjonijiet marbuta mal-applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE, li jistabbilixxi li s-setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet hija biss f'idejn il-Kunsill) kien kwistjoni kontroversjali matul in-negozjati tar-riforma tal-OKS. Għalhekk, ċertu numru ta' miżuri li jikkonċernaw l-intervent pubbliku u l-ħżin privat, il-programmi ta' distribuzzjoni fl-iskejjel, ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni u s-settur taz-zokkor minn issa 'l quddiem jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Kunsill (ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 (ara l-iskeda 3.2.1).

## IL-FINANZJAMENT TAL-OKS

L-OKS hija ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG). Fl-2017, il-miżuri relatati mal-interventi fis-swieq irrappreżentaw madwar EUR 3.1 biljun, jiġifieri

6.9% tan-nefqa totali tal-FAEG. It-Tabella 1 turi b'mod ċar it-tnaqqis qawwi fir-rifużjonijiet għall-esportazzjoni.

Tabella 1: Infiq tal-FAEG relatat mal-intervent fis-swieq agrikoli (f'miljuni EUR)

| | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ħżin | 173.4 | 93.6 | − 194.6 | 17.4 | 25.1 | 5.1 | 18.4 | 52.4 | 27.6 |
| Rifużjonijiet għall-esportazzjoni | 649.5 | 385.1 | 179.4 | 146.7 | 62.4 | 4.5 | 0.3 | 0.6 | 0.0 |
| Miżuri oħra tas-suq | 3 083.5 | 3 454.8 | 3 428.3 | 3 344.5 | 3 217.2 | 2 579.6 | 2 698.0 | 3 185.2 | 3 061 |
| Total | 3 906.4 | 3 933.5 | 3 413.1 | 3 508.6 | 3 304.7 | 2 589.2 | 2 716.7 | 3 238.2 | 3 088.6 |

*Sors: Rapporti finanzjarji mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*

Għall-kuntrarju tal-għajnuniet diretti u tal-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq mhumiex soġġetti għal allokazzjonijiet baġitarji nazzjonali antiċipati. Għall-perjodu 2014-2020, il-fondi disponibbli għall-politiki tas-swieq tal-UE (inkluż il-fond ta' riżerva f'każ ta' kriżi) għandhom ikopru madwar 4% (EUR 17.5 biljun) tal-baġit totali tal-PAK.

L-OKS intużat biex tagħti l-kontribut tagħha minħabba l-kriżijiet fis-setturi tal-ħalib, tal-laħam tal-majjal u tal-frott u l-ħxejjex. Il-Kummissjoni adottat tliet pakketti ta' miżuri ta' appoġġ: f'Settembru 2015, f'Marzu 2016 u f'Lulju 2016. L-ewwel pakkett ta' miżuri tela' għal EUR 500 miljun, u kellu l-għan li jaġevola l-fluss ta' flus tal-bdiewa u li jillimita l-iżbilanċi fis-suq (billi stabbilixxa partikolarment skema ta' ħżin privat tal-laħam tal-majjal u billi saħħaħ l-għajnuna għall-ħżin privat tal-butir u t-trab tal-ħalib xkumat). F'Marzu 2016, il-Kummissjoni, għall-ewwel darba, invokat miżura ta' eċċezzjoni (l-Artikolu 222 tar-Regolament dwar l-OKS), li ppermettiet lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, lill-organizzazzjonijiet intersettorjali u lill-kooperattivi fis-settur tal-ħalib li jilħqu ftehimiet volontarji biex jillimitaw il-produzzjoni tagħhom. Dan kien b'żieda fuq aktar għajnuniet temporanji mill-Istat u l-irdoppjament tal-limiti massimi ta' intervent għat-trab tal-ħalib xkumat u l-butir. Fl-aħħar nett, f'Settembru 2016 pakkett ta' miżuri ppreveda dan li ġej: skema mal-UE kollha biex jiġi inċentivat it-tnaqqis fil-produzzjoni tal-ħalib (EUR 150 biljun); għajnuna ta' aġġustament kundizzjonali li l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu u jimplimentaw fuq il-bażi ta' lista proposta mill-Kummissjoni (EUR 350 miljun li l-Istati Membri jistgħu jikkomplementaw permezz ta' fondi nazzjonali); miżuri tekniċi bil-għan li jġibu ċerta flessibilità (pereżempju f'termini ta' appoġġ akkoppjat), sostenn ta' fluss u tisħiħ ta' mekkaniżmi ta' sikurezza (estensjoni taż-żmien għall-miżuri ta' intervent u ta' għajnuna għall-ħżin privat għat-trab tal-ħalib xkumat). Il-fond ta' riżerva f'każ ta' kriżi s'issa ma ntużax.

Il-Grupp ta' Ħidma, li ġie stabbilit f'Jannar 2016 biex jirrifletti fuq il-ġejjieni tal-politika tas-swieq agrikoli, ippreżenta r-rapport finali tiegħu f'Novembru 2016. Il-Parlament Ewropew laqa' s-suġġerimenti tal-Grupp billi ressaq emendi addizzjonali għall-proposta għal regolament "omnibus" (COM(2016)0605 ta' Novembru 2016) waqt l-analiżi ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 (3.2.9). F'Ottubru ntlaħaq ftehim mal-Kunsill u t-test ġie ppubblikat f'Diċembru 2017 (ir-Regolament (UE) Nru 2393/2017).

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-"minipakkett tal-ħalib" (Ir-Regolament (UE) Nru 261/2012) kien l-ewwel att leġiżlattiv dwar l-agrikoltura adottat mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

L-OKS kienet wieħed mis-suġġetti l-aktar kontroversjali fin-negozjati dwar il-PAK il-ġdida. Fost l-erba' regolamenti dwar il-PAK li ttieħed vot fuqhom fil-plenarja ta' Marzu 2013, ir-Regolament dwar l-OKS kien l-aktar wieħed missielet (eventwalment ġie adottat bi 375 vot favur u 277 vot kontra). Dan huwa spjegat partikolarment bil-fatt li s-suġġett jittratta kwistjonijiet partikolarment sensittivi, bħar-regolamentazzjoni tas-swieq agrikoli, l-applikazzjoni ta' regoli ta' kompetizzjoni għall-agrikoltura u r-rwoli tal-istituzzjonijiet fil-PAK (b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tat-TFUE). Il-Parlament Ewropew, fil-kapaċità tiegħu ta' koleġiżlatur, ħalla l-impronta tiegħu fir-regolament il-ġdid. Pereżempju, huwa appoġġja l-introduzzjoni mill-ġdid tal-qamħ durum fil-lista ta' prodotti eliġibbli għal intervent, iż-żieda ta' restrizzjonijiet kwantitattivi applikabbli għal intervent pubbliku għall-butir (50 000 tunnellata, meta mqabbla ma' 20 000 fil-proposta tal-Kummissjoni), l-inklużjoni ta' tipi ta' ġobon DPO/IĠP fil-lista ta' prodotti eliġibbli għal għajnuna għall-ħżin privat, iż-żieda fil-limitu massimu tal-għajnuna finanzjarja mill-UE għall-organizzazzjonijiet ta' produtturi u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, l-estensjoni tas-sistema tal-kwoti taz-zokkor sal-2017 u ż-żamma ta' skema ta' awtorizzazzjonijiet għal tħawwil ta' vinji wara t-tmiem tal-iskema tad-drittijiet tat-tħawwil.

Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew qiegħed isegwi mill-qrib it-tħejjija mill-Kummissjoni ta' atti delegati dwar l-OKS, sabiex jiġi żgurat li dawn jikkorrispondu mal-kompromess politiku milħuq fir-riforma. Il-Parlament jista' fil-fatt joġġezzjona għal dawn l-atti, u l- l-Kummissjoni tista', f'ċerti każijiet, tirreaġixxi billi tħassar l-att ikkonċernat (3.2.1).

Il-Parlament qed isegwi ugwalment mill-qrib ħafna l-miżuri adottati fil-ġlieda kontra l-kriżi fis-settur agrikolu.

Fl-aħħar nett, bħala żieda mar-Regolament dwar l-OKS, f'Marzu 2019, il-Parlament adotta riżoluzzjoni leġiżlattiva dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet minn negozju għal negozju fil-katina tal-provvista tal-ikel[1]. Sabiex jiġu miġġielda l-prattiki li ma jkunux *bona fide*, li jkunu inġusti u/jew imposti b'mod unilaterali minn sieħeb kummerċjali fuq ieħor, id-direttiva l-ġdida proposta tistabbilixxi lista minima ta' prattiki kummerċjali inġusti pprojbiti fir-relazzjonijiet bejn ix-xerrejja u l-fornituri fil-katina tal-provvista agroalimentari. Il-Kunsill adotta l-att leġiżlattiv wara l-ewwel qari tal-Parlament f'April 2019.

Albert Massot
05/2019

[1]Testi adottati, P8_TA(2019)0152.